# OBBLIGU GĦAL MANTENIMENT TAT-TFAL GĦANDU JISSAĦĦAĦ



Is-sitwazzjoni fejn ġenitur jiġi mitlub iħallas somma flus biex jgħin fil-kura u t-trobbija ta' wild mhijiex ġdida. Hija però realtà li jeżistu diffikultajiet biex dawn il-flus jinġabru f'każ li ġenitur imur joqgħod f'pajjiż ieħor, għaliex il-proċeduri mhumiex sempliċi biżżejjed. Suq wieħed Ewropew iġib miegħu ħafna vantaġġi, imma mhux maħluq biex iġib miegħu problemi inġusti. Skond kalkolu li l-Kummissjoni Ewropea kienet għamlet fl-2005, hemm possibilità li madwar 62,000 każ ta' pagamenti minn fruntiera għall-oħra fis-sena jistgħu jkunu soġġetti għal tilwim legali – figura inkwetanti, meta wieħed iqis l-effetti koroh li jaffaċċjaw il-persuni nvoluti f'każijiet bħal dawn.

Kien għalhekk li beda jiġi mħejji abozz għal regolament li jkopri kull forma ta' obbligazzjoni għall-manteniment, b'mod partikolari dak li jikkonċerna lit-tfal. Fl-24 ta' Ottubru, waqt laqgħa tal-Kunsill, il-Ministri responsabbli mill-ġustizzja u l-affarijiet interni tal-Istati Membri qablu li ordni ta' infurzar fuq pagamenti għall-manteniment tat-tfal maħruġ minn qorti fi Stat Membru għandu jkun infurzat fl-istati kollha. Dan l-iżvilupp se jagħmel il-proċedura ħafna iktar sempliċi, billi jnaqqas ħafna mill-formalitajiet li għalissa għadhom fis-seħħ. Effettivament għandu jgħin lil dawk li għandhom xi ħlasijiet dovuti lilhom biex jiġbruhom, kif hu mistenni mill-ordni tal-qorti.

Min għandu jieħu l-flus se jkun jista' jġib ordni ta' infurzar li tiċċirkola maż-żona ġudizzjarja Ewropea malajr, b'mod faċli u ġeneralment mingħajr ħlas. Ir-regolament jipprovdi wkoll għal għajnuna legali b'xejn fil-proċeduri kollha li jsiru fir-rispett ta' tfal taħt l-età ta' 21 sena. Se jsir ukoll possibbli li l-awtoritajiet tal-pajjiż jgħinu b'mod prattiku lil min qiegħed f'din is-sitwazzjoni – bħal per eżempju jgħinu f'li jinstab min għandu jagħti l-flus. La darba din il-liġi tidħol fis-seħħ se tneħħi l-possibilità li xi ġenituri jaħsbu li jistgħu jaħarbu mill-obbligazzjonijiet tagħhom billi jmorru joqogħdu f'pajjiż ieħor. Ix-xibka se tingħalaq favur it-tfal.

Il-liġi għadha trid tgħaddi minn proċeduri formali qabel ma tidħol fis-seħħ imma, issa li hemm qbil, dan m'għandux ikun perjodu twil. Għalkemm din mhux se tapplika b'mod awtomatiku fil-każ tad-Danimarka u r-Renju Unit, għaliex matul is-snin kienu ddeċidew li jżommu barra mill-liġijiet dwar il-ġustizzja u affarijiet interni, dan l-iżvilupp għandu jagħti appoġġ konkret lil tfal u ġenituri li huma dovuti assistenza finanzjarja bħal din li ssemmiet.



*Minn Julian Micallef*
*MEUSAC*

Malta-EU Steering & Action Committee

*280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT1112*
*2590 9101*
*info.meusac@gov.mt*
*www.meusac.gov.mt*